**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**-vs-**

**Stefan Cutajar, detentur tal-karta ta' l-identità numru 203984M;**

*Kumpilazzjoni Nru. 552/2023*

Illum, 31 ta' Lulju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Stefan Cutajar** u ċioè talli:

1. Nhar l-15 ta Lulju, 2023 għal ħabta ta bejn 14:00 u 15:15 ta wara nofsinhar, ġewwa Triq Geronimo Abos, Iklin, ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni MRS282 ta' l-għamla Renault Megane, għad-dannu ta' Lindsey Attard, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' oġġetti misruqa liema valur jeċċedi is-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' deheb (ċappetta), għad-dannu ta' Alfred Aquilina, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur ta' oġġetti misruqa li jeċċedi is-somma ta' elfejn u tliet mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);

3. U aktar talli nhar il-22 ta' Ġunju 2023 għal ħabta ta bejn 01:00 u 02:00 ta filgħodu ġewwa Triq l-Imdina, Balzan , ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Smart Fortwo bin-numru ta' reġistrazzjoni MOI 045, li sar għad-dannu ta' John (John-Mary) Bugeja u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur, liema valur jeċċedi s-somma ta' l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' għodda minn ġewwa l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KGV515 ta l-għamla VW, li sar għad-dannu ta' John (John-Mary) Bugeja u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, u bil-valur, liema valur ma jeċċedix is-somma ta' l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

5. U aktar talli nhar il-15 ta' Lulju, 2023 ġewwa Triq Danny Cremona, Ħamrun u/jew fil-viċinanzi, f'dawn il-gżejjer, xjentement xtara jew laqa għandu oġġetti misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

6. U aktar talli, fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D.) b'digriet datat 12 ta' April, 2023 li permezz tiegħu ngħata il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja u kif ukoll taħt depożitu ta' €500 u garanzija personali ta' €5,500

7. U finalment talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka contrario imperio tad-digrieti li bihom Stefan Cutajar ingħata il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u kif ukoll tordna li s-somom bħala depożitu u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-24 ta' Lulju, 2023, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġbet li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-karattru refrattarju tiegħu, tal-fatt li l-imputat qed jitlob li jagħmel programm ta' riabilitazzjoni biex ifiq mill-vizzju tad-droga liema vizzju jixprunah iwettaq reati simili sabiex jiffinanzja l-vizzju tiegħu, u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

In vista ta' litanija ta' serqiet li qed tinstab ħtija dwarhom il-qorti qed tapplika l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Biżżejjed jingħad li fuq l-imputazzjoni nru.3 il-piena massima hi dik ta' disa' snin priġunerija, filwaqt li għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet il-piena tvarja bejn it-tlettax il-xahar sa seba' snin priġunerija.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. Omissis … Alberta Amato** ikkunsidrat:[1]

---

[1] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta 27 ta' Lulju, 2007 Appell Kriminali Numru. 22/2007

> Jingħad l-ewwelnett fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ma għamlitx referenza għall-artikolu 18 tal-Kap. 9. L-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 normalment jitqies bħala benefiċċju għal persuna akkużata.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat hu reċidiv ukoll ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 261 (b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g) 279(a)(b), 280(1)(2), 289, 334 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u tikkundannah għal **sitta w erbgħin (46) xahar priġunerija.**

Inoltre ai termini tal-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu kif akkordat bid-digriet tal-Onor. Maġistrat Dr. Joe Mifsud nhar it-12 t'April, 2023 kif ukoll tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' mitejn ewro (€200) mid-depożitu b'garanzija skond dak id-digriet.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb l-*addiction* tiegħu inkluż kull għajnuna psikoloġika oħra li jinħtieġ. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Qed jiġi rakkomandat li l-imputat jibda minnufih programm residenzjali sabiex tassew jindirizza fi spazju kontrollat il-vizzju li rrendih skjav.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

Tordna wkoll li kopja tal-istess sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**